

Brussell, 10 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0068(COD)

---

---

9482/21  
ADD 1

CODEC 830	SAN 364
COVID-19 243	TRANS 366
JAI 673	COCON 42
POLGEN 93	COMIX 305
FRONT 217	SCHENGEN 51
FREMP 161	AVIATION 146
IPCR 76	PHARM 114
VISA 121	RELEX 514
MI 433	TOUR 42

#### NOTA PUNT "A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati interoperabbli tal-vaċċinazzjoni kontra l-COVID-19, tat-test għall-marda u tal-fejqa minnha (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 (**l-ewwel qari**)

- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
- = Dikjarazzjoni

---

#### Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni taqbel li vaċċini u testijiet affordabbli u aċċessibbli għall-COVID-19 għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 huma kruċjali fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. B'kont meħud li mhux il-popolazzjoni kollha se tkun tlaqqmet meta r-Regolamenti ... u ...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jidħlu fis-seħħ, l-aċċess għal possibbiltajiet ta' ttestjar affordabbli u disponibbli b'mod wiesa' huwa importanti biex jiġu ffaċilitati l-moviment liberu u l-mobbiltà fl-Ewropa.

Biex tappoġġa l-kapaċitajiet tal-ittestjar tal-Istati Membri, il-Kummissjoni diġà mmobilizzat fondi permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza biex tixtri testijiet rapidi tal-antiġeni u nediet akkwist bi sħab għal aktar minn nofs biljun test rapidu tal-antiġeni. Il-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar qed tappoġġa lill-Istati Membri biex iżidu l-kapaċità tal-ittestjar, b'finanzjament mill-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza.

Biex tkompli tappoġġa d-disponibbiltà ta' testijiet affordabbli, b'mod partikolari għall-persuni li jaqsmu l-fruntieri ta' kuljum jew ta' spiss biex imorru għax-xogħol jew l-iskola, iżuru qraba stretti, ifittxu kura medika, jew jieħdu ħsieb lill-maħbubin tagħhom, il-Kummissjoni timpenja ruħha li timmobilizza fondi addizzjonali ta' EUR 100 miljun permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza għax-xiri ta' testijiet għall-infezzjoni tas-SARS-CoV-2 li jikkwalifikaw għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-test skont ir-Regolament ... . Jekk ikun meħtieġ, jista' jiġi mobilizzat finanzjament addizzjonali ta' aktar minn EUR 100 miljun, soġġett għall-approvazzjoni mill-awtorità baġitarja.